MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 841/2005

Kawza fil-lista: 6

**Bank of Valletta p.l.c.**
**Vs**
**Misty Blue Company Limited, John Pisani, Bridgette Pisani**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Premess illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti datati 28 ta' Dicembru 1999 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela (Dok "A" u "B"), is-socjeta' attrici kkoncediet facilitajiet ta' "*Loan u Overdraft*" lis-socjeta' konvenuta Misty Blue Company Limited;

Premess illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tas-socjeta' konvenuta Misty Blue Company Limited fis-somma ta'

erbgha u hamsin elf, mija u disgha u sittin Liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm54,169.23) bilanc ghad-debitu fil-“Loan u Overdraft Accounts” tas-socjeta’ Misty Blue Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “C1” sa “C3”, u “D1” sa “D51”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-31 t’ Awissu, 2005 sad-data ta’ l-effettiv pagament ;

U premess illi permezz tal-kuntratti fuq imsemmija u cioe’ dawk datati 28 ta’ Dicembru 1999 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela (Dok. “A” u “B”), kif ukoll permezz ta’ zewg skritturi privati datati 10 ta’ Mejju 1995 u 24 ta’ Novembru 1999 (Dok. “E” u “F”) il-konvenut John Pisani iggarantixxa flimkien u “in solidum” mas-socjeta’ Misty Blue Company Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta’ l-istess socjeta’ Misty Blue Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

U premess illi permezz tal-kuntratti fuq imsemmija u cioe’ dawk datati 28 ta’ Dicembru 1999 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela (Dok. “A” u “B”), kif ukoll permezz ta’ zewg skritturi privati datati 10 ta’ Mejju 1995 u 24 ta’ Novembru 1999 (Dok. “E” u “F”) il-konvenuta Bridgette Pisani iggarantiet flimkien u “in solidum” mas-socjeta’ Misty Blue Company Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta’ l-istess socjeta’ Misty Blue Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

U premess illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti datati 28 ta’ Dicembru 1999 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela (u hawn esibiti bhala Dokumenti “A” u “B”) partikolarment, imma mhux esklussivament, billi s-socjeta’ konvenuta Misty Blue Company Limited u/jew John Pisani u/jew Bridgitte Pisani (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, (c) ma humiex fl-istat li jhallsu l-kredituri taghhom fiz-zmien pattwit, u/jew, (e) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenuti li jipperikolaw u/jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu, u b’hekk il-konvenuti ddekadaw mill-

beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

U premess illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi u anke permezz ta' ittri ufficjali datati 10 ta' Dicembru 2002 u li kopja taghhom qed tigi hawn esibita u mmarkata Dok "G" u "H" sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti.

Jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija,

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti datati 28 ta' Dicembru 1999 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela fuq imsemmija (u hawn esibiti bhala Dokumenti "A" u "B") partikolarment, imma mhux esklussivament, billi s-socjeta' konvenuta Misty Blue Company Limited u/jew John Pisani u/jew Bridgitte Pisani (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, (c) ma humiex fl-istat li jhallsu l-kredituri taghhom fiz-zmien pattwit, u, (e) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

2. Tikkundanna lis-socjeta' Misty Blue Company Limited, John Pisani u Bridgette Pisani jhallsu flimkien u "in solidum" bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbgha u hamsin elf, mija u disgha u sittin Liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm54,169.23) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" tas-socjeta' Misty Blue Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1" sa "C3", u "D1" sa "D51") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-31 t' Awissu, 2005 sad-data ta' l-effettiv pagament ;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 10 ta' Dicembru 2002 u tal-Mandati ta' Sekwestru li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti t-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet tas-socjeta` attrici kif dedotti fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------